**79. Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici jipproponi:**

"Illi din il-Kamra taqta' li armamenti nukleari ma għandhomx jitħallew jidħlu fit-territorju tar-Repubblika ta' Malta.".

06.06.1988

**Il-Prim Ministru l-Onor. Eddie Fenech Adami ressaq din l-Emenda “A”:**

(a) flok il-kelma "taqta'" daħħal il-kelma "tirriafferma'

(b) żid iż-żewġ paragrafi li ġejjin:

"GĦaldaqstant il-Kamra tistenna li pajjiżi li bastimenti militari tagħhom jingħataw "clearance" diplomatika biex jagħmlu żjajjar f'pajjiżna jirrispettaw din id-deċiżjoni.

Il-Kamra taqta' wkoll li l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jikkomunika din ir-Riżoluzzjoni lill-Gvernijiet li jitolbu "clearance' diplomatika biex bastimenti tagħhom jidħlu Malta u din il-Kamra tqis li "clearance" diplomatika hekk mogħtija hija garanzija suffiċjenti li ebda armamenti nukleari ma jkunu jinsabu fuq dawn il-bastimenti li jidħlu Malta.".

**L-Emenda għaddiet.**

**Il-mozzjoni kif emendata għaddiet f’Seduta 120 tat-23 Ġunju 1988.**

**Il-Prim Ministru l-Onor. Eddie Fenech Adami ressaq din l-Emenda “A”:**

(a) Flok il-kelma "taqta" daħħal il-kelma tirriafferma"

(b) Żid iż-żewġ paragrafi li ġejjin:

"Għaldaqstant il-Kamra tistenna li pajjiżi li bastimenti militari tagħhom jingħataw "clearance" diplomatika biex jagħmlu żjajjar f'pajjiżna jirrispettaw din id-deċiżjoni.

Il-Kamra taqta' wkoll li l-Ministru tal-Affarijiet Barranin għandu jikkomunika din ir-Riżoluzzjoni lill-Gvernijiet li jitolbu "clearance" diplomatika biex bastimenti tagħhom jidħlu Malta u din il-Kamra tqis li "clearance" diplomatika hemm mogħtija hija garanzija suffiċjenti li ebda armamenti nukleari ma jkunu jinsabu fuq dawn il-bastimenti li jidħlu Malta.".

**L-Emenda "A" għaddiet nem. con.**

**Il-mozzjoni kif emendata għaddiet fis-Seduta 120 tat-23 ta’ Ġunju 1988.**